# Beati u Qaddisin....Jannar

## SAN TUMAS PLACIDI DA CORI (1655– 1729)

## JANNAR 11



Twieled gewwa Cori (Latina) fl-4 ta' Gunju 1655 u fil-Maghmudija gie moghti l-sem ta' Frangisku Antonio Placidi. Meta kellu 14 il-sena safa' orfni miz-zewg genituri u minkejja li kienu ghadu tfajjel kellu jaqdef biex jiehu hsieb il-familja. Ta' 22 sena hadem biex iz-zewg hutu bniet jissistemhom b'mod xieraq u imbaghad hu dahal fl-Ordni tal-Frati Minuri Frangiskani fil-kunvent tas-Santissima Trinita' gewwa Orvieto fis-7 ta' Frar tas-sena 1677. Biddel ismu minn Frangisk Antonio ghal fra Tumas.

Ghal hames snin kien skular tac-celebri Lorenzo Cozza, kardinal u teologu, u fis-sena 1683 gie konsagrat sacerdot gewwa Velletri u fl-istess hin ircieva il-mandat ta' predikatur.  Kien jahdem fl-appostolat gewwa d-djocesi ta' Subiaco u ressaq hafna erwieh lejn Alla.

Kien qaddis u espert fid-direzzjoni spiritwali; kemm-il darba rawh fil-konfessjonarju minn filghodu sa filghaxija minghajr ma kien  jieqaf biex jiekol.

Gabru l-priedki tieghu f'volum u kien imfittex hafna biex jaghti assistenza spiritwali lill-morda.  Hadem hafna biex jirriforma il-kostumi pubblici u kien maghruf sew li kien bniedem li jressaq lill-persuni miggielda ma' xulxin lejn fethim u paci.

Sa minn mindu kienu novizz, kien ezempju ta' qdusija u perfezzjoni. Kien l-edifikazzjoni ta' dawk ta' madwaru sahansitra anke dawk anzjani. Kien jispikka fil-virtu tal-faqar. Qatt ma kien jaccetta l-elemosina meta xi hadd kien jghidlu biex iqaddes ghall-intenzjoni tieghu. Kellu sabar kbir b'min kien imaqdru u jiehu pacenzja b'ferita li kienet titormentah f'saqajh ghal 40 sena.

Kien jitlob b'herqa kbira li hafna drabi ma kienx jiccaqlaq u kont tahsbu li hu barra minnu nnifsu qisu xi statwa. Gesu' Bambin deherlu bosta drabi waqt il-celebrazzjoni tal-quddies. F'hajtu opra xi mirakli bhal fejqan, multiplikazzjoni tal-hobz etc; kellu dehriet ta' Gesu' Bambin, tal-Vergni Marija Ssma u ta' San Frangisk.

Hekk ghaddha hajtu Patri Tumas, hajja migbura u qaddisa sakemm fil-11 ta' Jannar tas-sena 1729 huwa miet biex jiehu l-premju li Gesu' wieghed li dawk li jhobbuh.

Kien beatifikat mill-Papa Piju VI f'Settembru.

Papa Giovanni Pawlu II ikkanonizah fil-21 ta' Novembru tas-sena 1999.